MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 220/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**Vs.**

**Lawrence Spiteri (I.D. 44281M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mill-bank attur permezz ta' liema jitlob li, filwaqt li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 18 ta' Mejju 2006 (Dok. "B" anness mar-Rikors), partikolarment imma mhux esklussivament billi l-konvenut (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lill-bank attur kif stipulat fl-imsemmija skrittura; u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura; u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tad-debitu dovut lill-bank attur, u konsegwentement li l-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u d-debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa, il-konvenut jigi ikkundannat ihallas

is-somma ta’ elfejn seba’ mija u hamsin Euro u sitta u tletin centezmu (€2,750.36) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* tieghu mal-bank attur, flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-15 ta’ Mejju 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 28 ta’ Mejju 2009 u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors, kontra l-konvenut;

Rat ir-Risposta tal-konvenut permezz ta’ liema fl-ewwel lok jiddikjara li mhux qed jikkontesta l-mertu tal-kawza u jikkonferma li l-ammont mitlub mill-bank attur huwa dovut fl-intier tieghu, izda jeccepixxi li *ma jaqbilx illi l-ispejjez relatati mal-proceduri gudizzjarji odjerni ghandhom jigu sopportati minnu, u dan stante li s-socjetà attrici setghet tistitwixxi proceduri ohrajn, liema proceduri kienu jimportaw inqas spejjez ghall-eccipjenti; illi fit-28 ta’ Mejju tas-sena 2009 kienet giet ipprezentata ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A mis-socjetà attrici fil-konfront ta’ l-eccipjenti [vide Fol 11 tal-process], permezz ta’ liema s-socjetà attrici talbet l-ammont ta’ €3,010.00 mill-eccipjent, liema ammont ma kienx dovut; illi ghalhekk l-eccipjenti irrespinga tali talba permezz ta’ risposta datata 3 ta’ Gunju 2009 [vide Fol 14 tal-process]; illi minn dan jirrizulta li s-socjetà attrici setghet tagixxi fil-konfront ta’ l-eccipjent permezz ta’ proceduri li jimportaw inqas spejjez ghall-eccipjent; illi ghaldaqstant l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mis-socjetà attrici*;

Rat l-atti tal-kawza fosthom zewg *statements of account* tal-bank attur pertinenti ghall-konvent a fol. 2 sa’ 5 tal-process, l-iskrittura privata datata 18 ta’ Mejju 2006 markata Dok. “B” a fol. 6 sa’ 9 tal-process u l-atti ta’ l-ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 28 ta’ Mejju 2009 markata Dok. “C” a fol. 11 sa’ 14 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Il-bank attur ipprezenta l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ €2,750.36 rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-*loan account* li l-istess konvenut ghandu mal-bank, liema debitu jirrizulta mill-iskrittura privata datata 18 ta’ Mejju 2006, Dok. “B” a fol. 6 sa’ 9 tal-process. Mill-atti processwali, u senjatament mill-*istatement of account* esebit a fol. 4 u 5 tal-process jirrizulta li s-somma mitluba mill-bank hija fil-fatt somma komplessiva konsistenti fl-ammont ta’ €2,614.55 rapprezentanti l-kapital dovut mill-konvenut in bazi ghall-iskrittura privata tat-18 ta’ Mejju 2006 u fl-ammont ta’ €135.85 rapprezentanti l-imghax konteggjat sal-14 ta’ Mejju 2010.

Il-konvenut ma huwiex qed jikkontesta l-ammont mitlub mill-bank attur anzi fl-ewwel paragrafu tar-Risposta tieghu jikkonferma li l-ammont ta’ €2,750.36 huwa minnu dovut fl-intier tieghu. Il-kontestazzjoni tal-konvenut tirrigwarda l-kap ta’ l-ispejjez. Huwa jikkontendi li l-bank attur ma kellux jistitwixxi dawn il-proceduri fil-konfront tieghu izda kellu jmexxi b’procedura ohra, li mit-trattazzjoni orali rrizulta li hi l-procedura specjali kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, li skond hu timporta inqas spejjez ghalih.

In vista tal-posizzjoni adottata mill-konvenut il-Qorti ser tillimita l-konsiderazzjonijiet Taghha ghall-kontestazzjoni tieghu dwar il-kap ta’ l-ispejjez.

Il-bank attur ipproceda fil-konfront tal-konvenut bl-azzjoni odjerna in segwitu ghall-hrug ta’ ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 28 ta’ Mejju 2009, li giet kontestata mill-konvenut. B’dik l-ittra ufficjali l-bank attur interpella lill-konvenut ihallsu s-somma ta’ €3,010 rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* tal-konvenut mal-bank flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mit-13 ta’ Mejju 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament[1]. Permezz ta’ Nota pprezentata a tenur ta’ l-Artikolu 166A(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta l-konvenut

[1] Dok. “C” a fol. 11 sa’ 14 tal-process.

irrespinga t-talba tal-bank ghall-hlas ta' l-imsemmija somma ta' €3,010[2].

Illum il-konvenut jikkontendi li s-somma ta' €3,010 mitluba mill-bank attur bl-ittra ufficjali tat-28 ta' Mejju 2009 kienet eccessiva u kien ghalhekk li rrespinga t-talba ghall-hlas. Huwa jippretendi li meta l-bank ipproceda fil-konfront tieghu ghall-hlas tas-somma ta' €2,750.36, illum mitluba bl-azzjoni odjerna u minnu ammessa bhala dovuta, kellu l-ewwel jerga' jinterpellah ghall-hlas permezz ta' ittra ufficjali ohra a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, biex b'hekk seta' jkollu l-opportunità jammetti it-talba fil-kuntest ta' dawk il-proceduri li skond hu kienu jimportaw spejjez giudizzjarji inqas mill-azzjoni odjerna.

Il-Qorti però ma taqbilx mal-kontestazzjoni tal-konvenut u Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz il-bank attur agixxa b'mod korrett u gustament ghadda biex istitwixxa l-proceduri odjerni fil-konfront tal-konvenut ghall-hlas tad-debitu dovut mill-istess konvenut.
Kif già osservat il-bank attur l-ewwel ma pproceda fil-konfront tal-konvenut kien permezz ta' ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi illi *f'azzjonijiet ghall-hlas ta' dejn cert, likwidu u li ghalaq u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt u meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeccedi tlieta u ghoxrin elf u mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73), jew dik is-somma l-ohra li tista' tigi stabbilita minn zmien ghal zmien b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru, il-kreditur ikun jista' jipprocedi … billi jipprezenta ittra ufficjali, illi ghandha tkun skond forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja b'avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-registratur jew prokuratur legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il-Kummissarjunarji b'setgha li jaghtu l-gurament, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullità, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet*

[2] *Ibid.*

*ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.*

Ai termini tas-subinciz tlieta ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi *l-ittra ufficjali ghandu wkoll ikun fiha taht piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali billi jipprezenta nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv.*

F'din il-procedura d-debitur mhux prekluz milli jammetti t-talba tal-kreditur f'parti minnha u jopponiha ghall-kumplament. In effetti s-subinciz tlieta ta' l-Artikolu 166A jiddisponi ulterjorment illi ***d-debitur jista' fl-istess nota jammetti t-talba f'parti minnha biss u jopponiha f'partijiet ohra, u meta t-talba tkun opposta f'xi parti minnha biss din titqies bhala li tkun giet ammessa sal-limitu li din ma tkunx giet opposta***[3]*; (b) meta d-debitur ikun oppona t-talba jew xi parti minn talba li tigi sussegwentement milqugha, l-ispejjez relattivi ghat-talba jew parti minnhom li tkun giet opposta u sussegwentement milqugha ghandhom jigu imhallsa mid-debitur; (c) l-ispejjez ta' kull talba jew parti minnha li tkun giet opposta u mhux sussegwentement milqugha ghandhom dejjem jithallsu mill-kreditur*.

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi jirrizulta car li jekk it-talba ghall-hlas tal-kreditur avvanzata bl-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tigi respinta mid-debitur, l-alternattiva ghall-kreditur hi li jistitwixxi l-azzjoni giudizzjarja ghall-hlas tal-kreditu quddiem il-Qorti kompetenti. Dan jghodd ukoll f'kaz li t-talba tieghu tigi ammessa in parte u kontestata fil-kumplament. Naturalment f'tali kaz l-azzjoni giudizzjarja tkun tittratta biss il-parti tal-kreditu lit kun giet kontestata.

[3] Enfasi tal-Qorti.

Ghalkemm il-konvenut illum jghid illi l-kontestazzjoni tieghu fil-konfront tat-talba tal-bank ghall-hlas tas-somma ta’ €3,010 kienet illi dan l-ammont kien eccessiv, fin-Nota tieghu huwa rrespinga t-talba tal-bank **fl-intier taggha**. Jekk verament il-kontestazzjoni tal-konvenut kienet fis-sens minnu affermat hu kellu mhux jirrespingi t-talba tal-bank fl-intier taghha, izda se mai jammetti dik il-parti mid-dejn li skond hu kienet dovuta u jikkontesta l-kumplament, u dana billi min jallega li l-ammont mitlub mill-kreditur hu eccessiv implicitament ikun qed jirrikonoxxi li hemm ammont dovut lill-kreditur izda mhux fil-valur minnu pretiz.

Rinfaccjat bil-posizzjoni tal-konvenut, ossia li kien qed jirrespingi t-talba ghall-hlas fl-intier taghha, il-bank attur gustament ipproceda bil-proceduri odjerni fil-konfront tieghu. Il-bank attur fl-ebda hin ma kien obbligat li jipprocedi fil-konfront tal-konvenut b’ittra ufficjali ohra ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Huwa minnu li l-ammont illum mitlub mill-bank attur huwa inqas minn dak mitlub bl-ittra ufficjali tat-28 ta’ Mejju 2009, izda dan huwa rizultat tal-fatt li in segwitu ghall-imsemmija ittra ufficjali, u senjatament fid-19 ta’ Settembru 2009, il-konvenut ghamel pagament akkont favur il-bank. Il-Qorti tosserva li dan il-hlas akkont da parte tal-konvenut jkompli jimmina l-kredibilità ta’ dak minnu allegat fir-rigward tat-talba ghall-hlas avvanzata mill-bank bl-ittra ufficjali ta’ Mejju 2009, u b’hekk serjament jimpingi fuq il-fondatezza ta’ dik minnu pretiz fir-rigward tal-kundanna ghall-hlas ta’ l-ispejjez kif miltuba mill-bank attur.

Certament il-konvenut ma jistax jippretendi li l-bank kellu, ghal kull bilanc eventwali dovut, jipprocedi kull darba b’ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dana partikolarment meta huwa kien irrespinga t-talba ghall-hlas fl-intier taghha. Dana certament ma huwiex l-iskop wara l-procedura specjali kontemplata fl-imsemmi artikolu tal-Ligi.

Il-Qorti ttenni li fic-cirkostanzi tal-kaz u fid-dawl tal-posizzjoni adottata mill-konvenut fir-rigward tat-talba tal-bank avvanzata bl-ittra ufficjali tat-28 ta’ Mejju 2009, il-

bank attur gustament ipproceda bil-azzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenut.

Apparte dan kollu l-konvenut lanqas ma rnexxielu jikkonvinci lil din il-Qorti li l-ammont ta' €3,010 mitlub mill-bank bl-ittra ufficjali tat-28 ta' Mejju 2009 kien fil-fatt eccessiv kif minnu allegat. Huwa ma gab ebda prova li sodisfacentement turi li fit-28 ta' Mejju 2009 l-ammont minnu dovut lill-bank kien inqas minn €3,010. Ladarba l-konvenut jammetti li l-ammont illum mitlub mill-bank attur huwa fil-fatt minnu dovut, izda jikkontesta l-kap ta' l-ispejjez in bazi ghall-allegazzjoni li l-interpellazzjoni tat-28 ta' Mejju 2009 kienet ghal ammont eccessiv, l-oneru tal-prova ta' dak minnu allegat kien jinkombi fuqu, u fuqu biss.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *l-konvenut sokkombent li jirrikonoxxi li ghandu jaghti, u fil-fatt jghaddi wkoll ghall-hlas, ma jistax jigi mehlus mill-hlas ta' l-ispejjez jekk ma jkunx hemm xi raguni in kuntrarju (Kollez. Vol. XLI PI p612)*[4]. Fil-kaz in ezami l-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ghandha tiddipartixxi minn dan il-principju u ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas ghall-ispejjez kif mitlub mill-bank attur.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti: in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenut li l-ammont ta' €2,750.36 huwa minnu dovut lill-bank attur, tilqa' t-talba tal-bank attur u filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu koncess lilu bl-iskrittura privata tat-18 ta' Mejju 2006, tikkundannh ihallas is-somma ta' €2,750.36, bl-imghax legali fuq is-somma ta' Eur2,614.55 konteggjat mill-15 ta' Mejju 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament, **u** fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba tal-bank attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez giudizzjarji relattivi ghal dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Mejju 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur.

---

[4] **Michael Fenech v. Joseph Cassar, Citaz. Nru. 504/97** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Marzu 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------